MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru. 249/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Jonathan Felice**
**Justin Polidano**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Jonathan Felice ta’ 20 sena, iben Emanuel u Mary Anne nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ nhar it-12 t’Awissu, 1988 u residenti Flat 13, Blokk 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 389288M u l-imputat Justin Polidano ta’ 24 sena, iben Joseph u Benedicta nee’ Debono, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Frar, 1985 u residenti Flat 3, Blokk 4, Triq tal-Fieres,

Kirkop u detentur tal-karta tal-identita' numru 177285(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-3 ta' Jannar, 2009, f'xi hin bejn is-7.15 p.m. u l-11.30 p.m., mill-fond nru. 21, Ta' Martin, fi Triq Mikielang Busuttil, Safi:

1. Ikkommettew serq ta' gojjellerija w/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37), bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-detriment tal-koppja Martin u Janice Dalli u/jew ta' persuni ohra;

2. Volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, w cioe' il-bieb ta' barra ta' l-istess fond, liema hsara tiskorri l-elf mija u erba' u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (E1164. 69), ai terminu ta' l-Artiklu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-detriment tal-koppja Martin u Janice Dalli u/jew ta' persuni ohra;

Lil Jonathan Felice wahdu, akkuzat ukoll talli nhar is-26 ta' Jannar 2006, ghall-habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl, fi Triq San Gorg, San GIljan,

3. Flimkien ma zewg persuni ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta' *handbag* kontenenti diversi oggetti, fosthom flus kontanti, liema serq huwa kkwaifikat bil-vjolenza numerika, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Marie Veronique Mifsud u/jew ta' persuni ohra;

4. Rrendew rwiehom recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, filwaqt li fil-kaz ta' Jonathan Felice biss ukoll ai termini ta' l-Artiklu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi li saru definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

5. Fl-ahharnett lil Justin Polidano wahdu, akkuzat ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai

termini ta' l-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza datata 15 ta' Ottubru, 2007.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Novembru 2009 (esebita a fol. 299 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

**FIR-RIGWARD TA' JONATHAN FELICE WAHDU:**

a. Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(b), 267, 270, 276, 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 42, 43, 46 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**FIR-RIGWARD TA' JUSTIN POLIDANO WAHDU:**

a. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(b), 267, 270, 276, 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 42, 43, 46 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2010, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandux oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali prezentata mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz.

Rat illi l-imputati baqghu ma prezentawx in-noti ta’ sottomissjonijiet finali taghhom entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li saret fit-3 ta’ Jannar 2009 bejn is-7.00pm u l-10.00pm mill-fond 21, Ta’ Martin, Triq Mikelang Busuttil, Hal-Safi fejn insterqu diversi oggetti tad-deheb li huma elenkati fir-rapport tal-espert tekniku Philip Zammit nominat fl-Inkjesta Magisterjali u li n-nomina tieghu giet debitament ikkonfermata minn din il-Qorti (rapport inserit a fol. 115 tal-atti processwali) li l-valur taghhom kien jammonta kumplessivament ghal madwar Lm5,000 kif ikkonfermat Janice Dalli il-propjetarja tal-imsemmi fond flimkien ma zewgha Martin Dalli li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2009, u fejn insteraq ukoll arlogg tal-marka Breil liema arlogg kellu numru tal-mudell 2519740710 (garanzija relattiva bid-dettalji tal-arlogg tinsab esebita a fol. 48 tal-atti processwali). Fl-imsemmija serqa giet ikkagunata hsara fil-bieb ta’ barra tal-fond in kwistjoni liema bieb gie elevat u din il-hsara kienet tammonta ghal €1454.45 biex tissewwa (ara ricevuti relattivi u survey report inseriti a fol. 119 sa 127 tal-atti processwali). Mix-xhieda ta PS 180 Fabian Aquilina (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 135 et sequitur tal-process) jirrizulta li fid-19 ta’ Jannar 2009 saret tfittxija fir-residenza tal-imputat Jonathan Felice f’numru 92, Triq il-Barrakki, Hal-Qormi fejn gie misjub fost affarijiet ohra l-arlogg tal-marka Breil li gie esebit f’dawn l-atti u mmarkat bhala Dok. JM2 u liema arlogg gie identifikat minn Martin Dalli li xehed waqt l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2009 bhala l-arlogg li nsteraq fit-3 ta’ Jannar 2009 u liema arlogg kellu l-istess model number bhal dak indikat fuq il-garanzija esebita a fol. 48 liema garanzija giet mghoddija lil Pulizija mid-derubat Martin Dalli. L-imputat Jonathan Felice wahdu qed jigi wkoll akkuzat b’serq ta handbag liema serq sehh fis-26 ta’ Jannar 2006 ghall-habta tal-11.15pm minn quddiem il-

Wembley Garage, San Giljan fejn minn vann abjad bin-numru tar-regsitrazzjoni JAL 906 harget id u gibdet il-handbag ta Marie Veronique Mifsud li kienet miexja fuq il-bankina flimkien mal-boyfriend taghha Paul Sultana. Fil-handbag misruq kien hemm credit cards, Lm10 kontanti u c-cwievet tad-dar ta’ Mifsud. Mix-xhieda tal-Ispettur Michael Mallia li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tat-22 ta’ Gunju 2009 u tat-2 ta’ Ottubru 2009 irrizulta li minn investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija kien jidher li l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni JAL 906 kienu jappartjenu lil vettura Mazda 323 ta’ lewn blu li kienet insterqet fit-30 ta’ Dicembru 2005 u li imbaghad instabet fit-18 ta’ Jannar 2006 minghajr in-number plates taghha izda bin-number plates bin-numru PBA 029 liema number plates fil-fatt kienu jappartjenu lil vettura ohra tal-marka Daihatsu Charade li wkoll kienet giet irrapurtata misruqa fit-22 ta’ Novembru 2005. Meta saru ezamijiet forensici fuq il-vettura tal-marka Mazda li kellha n-number plates originali JAL 906 gew elevati xi lifters u dawn kienu jaqblu mal-impronti digitali tal-imputat fil-kawza odjerna Jonathan Felice. L-istess imputat kien gie akkuzat bis-serq tal-imsemmija vettura tal-marka Mazda bin-numru tar-registrazzjoni JAL 906 kif ukoll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni Daihatsu Charade. u huwa kien gie misjub hati ta’ dawn l-akkuzi b’sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2006 (kopja tal-imsemmija sentenza tinsab esebita a fol. 140 sa 145). Peress li l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni JAL 906 kienu fuq il-vann li skond ix-xhieda ta’ Veronique Mifsud u Paul Sultana kellu fih madwar tlett persuni, u peress li l-imputat Jonathan Felice gie misjub hati li seraq il-vettura li kellha dawn in-number plates huwa gie interrogat mill-Pulizija dwar is-serqa tal-handbag minn San Giljan ghad-detriment ta’ Marie Veronqiue Mifsud (stqarrija relattiva nserita a fol. 186 u 187 tal-process) fejn huwa cahad l-involviment tieghu f’dan l-incident ta’ snatch and grab.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha in kwantu jirrigwarda l-akkuza ta’ serq aggravat mill-fond numru 21, ta’ Martin, Triq Mikelang Busuttil, Hal-Safi in kwantu

riferibblli ghall-imputat Justin Polidano fuq ix-xhieda ta’ Martin Agius (xhieda relattiva inserita a fol. 66 et sequitur tal-atti processwali u x-xhieda li huwa ta waqt l-in genre tinsab inserita fil-Process Verbal a fol. 115 et sequitur). Dan ix-xhud li rrizulta li gie akkuzat u misjub hati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta li kien komplici fis-serqa lli tifforma l-mertu tal-kaz odjern fejn dan ix-xhud spjega li dakinhar tat-3 ta’ Jannar 2009 ghall-habta tas-6.30pm flimkien ma martu u bintu kien mar party li kien qed isir fid-dar tan-nanna ta’ martu f’Hal-Safi. Dan ix-xhud spjega wkoll li martu tigi l-kugina ta’ Janice Dalli, id-derubata, liema Janice Dalli wkoll kienet fl-imsemmi party li kien qed isir fid-dar tan-nanna taghha. Dan ix-xhud spjega li f’xi hin waqt il-party huwa hareg barra sabiex jixtri pakkett sigaretti fejn gie avvicinat minn Justin Polidano hdejn il-kazin tal-Partit Laburista u fejn dan tal-ahhar qallu li kienu ser imorru jisirqu d-dar ta’ Janice Dalli. Dan ix-xhud ikkonferma li l-linja tal-mobile li kien juza hu f’dak iz-zmien kienet 79977373. Huwa qal ukoll li l-imputat Justin Polidano, li identifika fl-awla, kien cempillu diversi drabi minn fuq il-linja 79002069 waqt dak il-lejl u huwa kien ukoll cempillu lura. Dan il-fatt gie korroborat kemm mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti minn Anthony Bonnici ir-rapprezetnant ta’ Go Plc li prezenta d-dokumenti Dok. AB1 u AB2 fejn jirrizultaw sensiela ta’ telefonati bejn iz-zewg numri msemmija. Ghalkemm l-imputat Justin Polidano fl-istqarriji minnu rilaxxjati (inseriti a fol. 18 sa 34 tal-atti processwali fejn ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu ghajr ghal wahda), jghid li huwa ma kellux mobile phone Dorianne Schembri it-tfajla tal-imsemmi Justin Polidano kemm meta xehdet viva voce quddiem din il-Qorti (xhieda relattiva nserita a fol. 63 et sequitur tal-atti proceswali) kif ukoll meta xehdet fl-in genere qalet li Justin Polidano gieli cemplilha minn fuq in-numru 79002069 izda tghid ukoll li huwa kien jutilizza ukoll linja ohra li kienet tibda bin-99. Il-Qorti m’ghandhiex dubju dwar il-kredibilta’ tax-xhud Martin Agius anki ghaliex il-fatti li xehed dwarhom gew korroborati mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti minn Anthony Bonnici kif ghadu kemm intqal kif ukoll mix-xhieda ta’ Dorianne Schembri. Il-Qorti inoltre strahet fuq ix-xhieda ta’ PS 457 Jean Pierre Mifsud (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 128 et seq.

tal-atti processwali) fejn dan qal li fit-3 ta' Jannar 2009 ghall-habta tad-9.30pm huwa kien lemah lill-imputati Justin Polidano u Jonathan Felice fi Triq il-Hajt Ruman, Hal-Safi li mis-site plans esebiti a fol. 267 sa 269 jirrizulta li hija vicin hafna ta' Triq Mikelang Busuttil. Il-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat Jonathan Polidano kien involut fis-serqa li sehhet fit-3 ta' Ottubru 2009 mill-fond 21, Ta' Martin, triq Mikelang Busuttil, Hal-Safi u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni akkuza anki jekk ghal finiijiet ta' piena ser jitqies li t-tieni akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ser jigi konsegwentement applikat l-Artikolu 17(h). Irid jigi wkoll rilevat li fin-nota ta' rinviju tieghu tal-4 ta' Novembru 2009 in kwantu jirrigwarda l-imputat Justin Polidano l-Avukat Generali indika l-Artikoli tal-ligi riferibbli ghall-aggravju tal-vjolenza izda ma ndikax l-Artikoli riferibbli ghall-aggravji tal-mezz u tal-lok. L-imputat Justin Polidano ma jistghax jinstab hati ta' serq kwalifkat bil-vjolenza stante li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li s-serq kien aggravat b'dan il-mod, L-imputat Polidano l-anqas ma jista' jinstab hati ta' serq aggravat bil-mezz u bil-lok stante li dawn l-Artikoli ma gewx indikati mil-Avukat Generali izda ser jinstab hati ta' serq kwalifikat bil-valur u bil-hin kif ukoll li kkaguna hsara volontarja li teccedi l-Lm500..

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputat Jonathan Felice l-Qorti wkoll m'ghandha l-ebda dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa kien involut fis-serqa li sehhet fit-3 ta' Jannar 2009 mill-fond numru 21, Ta' Martin, Triq Mikelang Busuttil, Hal-Safi. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Martin Agius li identifika lill-imputat Jonathan Felice bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura li waqfet wara dik misjuqa minn Justin Polidano meta dan tal-ahhar waqfu sabiex jghidlu li kienu ser jisirqu id-dar ta' Janice Dalli. Inoltre kif diga' inghad fil-paragrafu precedenti PS 457 gharaf lill-imputat Jonathan Felice bhala wiehed mill-persuni li kien lemah fi Triq il-Hajt tar-Rumani, Hal-Safi ghall-habta tad-9.30pm izda l-ewwel u qabel kollox, u kif ukoll diga' gie msemmi

fil-paragrafi precedenti, waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat Jonathan Felice f'Hal-Qormi madwar hmistax-il gurnata wara li sehhet is-serqa in dizamina instab l-arlogg tal-marka Breil li jinsab inserit in atti u mmarket bhala Dok. JM2 liema arlogg ghandu l-istess model number bhal dak indikat fuq il-garanzija mghoddija lil Pulizija mid-derubat u liema arlogg gie identifikat mill-istess derubat Martin Dalli bhala l-arlogg li nsteraqlu fit-3 ta' Jannar 2009 anki ghaliex huwa seta' jgharfu minn sticker li dan l-arlogg kellu fuq wara. L-imputat Jonathan Felice meta mistoqsi dwar il-ghala dan l-arlogg instab fil-pussess tieghu mill-Pulizija prova jghid li huwa kien xtara dan l-arlogg minghand persuna b'karnaggjon skura madwar xahar qabel. Il-Qorti jidrilha li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat Jonathan Felice dwar il-ghala huwa nstab fil-pussess tal-imsemmi arlogg m'hijiex wahda li tista' titwemmen anki ghaliex huwa qed jghid li kien xtara l-arlogg madwar xahar qabel li rrilaxxja l-istqarrija liema stqarrija giet rilaxxjata fid-19 ta' Jannar 2009 meta mill-provi rrizulta li dan l-arlogg li gie identifikat minn sidu gie misruq fit-3 ta' Jannar 2009. Il-Qorti sejra ghalhekk tapplika it-teorija ta' recent possession fil-konfronti tal-imputat Jonathan Felice u ghar-ragunijiet appena indikati ser issibu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Jonathan Felice jinsab ukoll akkuzat bis-serq aggravat ta' handbag liema serq sehh fis-26 ta' Jannar 2006 ghall-habta tal-11.15pm minn Triq San Gorg, San Giljan ghad-detriment ta' Marie Veronique Mifsud. Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat Jonathan Felice fuq il-fatt li mill-provi rrizulta li din is-serqa giet imwettqa minn tlett persuni li kienu f'vann li kellu n-numru tar-registrazzjoni JAL 906 u li sussegwentement l-imputat instab hati tas-serq tal-vettura li originarjament kellha il-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni JAL 906 liema vettura kienet tal-marka Mazda u ta' lewn blu. Il-Qorti jidrilha li din il-prova wahidha m'hijiex bizzejjed sabiex jitqies minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien wiehed mit-tlett persuni fil-vann li minnu gie effetwat l-isnatch and grab tal-handbag ta

Veronique Mifsud. Il-pussess tal-imsemmija pjanci tar-registrazzjoni u l-fatt li l-istess imputat Jonathan Felice naqas milli jaghti spjegazzjoni aktar minn tlett snin wara dwar x'kien ghamel mill-imsemmija pjanci wahidhom ma jistghux jitqiesu bhala n-ness bejn l-imputat u s-serqa tas-26 ta' Jannar 2006. L-imputat Jonathan Felice sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-akkuza mmarkata bhala numru 3 migjuba fil-konfronti tieghu wahdu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-akkuza mmarkata bhala 4, u cioe' dik tar-recidiva, il-Qorti setghat tikkonstata li s-sentenzi relattivi fil-konfronti taz-zewg imputati gew prodotti mill-Prosekuzzjoni u jinsabu inseriti a fol. 140 et seq, 146 et seq. u 247 et seq. L-identita' taz-zewg imputati giet ukoll debitament ikkonfermata u l-Qorti sejra ghalhekk issib liz-zewg imputati hatja tal-akkuza mmarkata bhala numru 4. In kwantu jirrigwarda l-iskuza mmarkata bhala numru hamsa rrizulta mill-provi, u senjatament mis-sentenza esebita a fol. 309 et sequitur li s-sentenza msemmija fil-hames akkzua diga giet reza operattiva permezz ta' sentenza tas-26 ta' April 2010 u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Ghal finijiet ta' piena fil-konfronti taz-zewg imputati l-Qorti kkkunsidrat kemm il-fatt li mill-fedini penali taghhom jirrizulta ampjament li huma midhla sew tal-kriminalita' u li ghalkemm inghataw diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriformaw ruhhom naqsu milli jaghmlu dan. Il-Qorti kkunsidrat ukoll in-nuqqas ta' koperazzjoni assoluta da parti taghhom fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva u aktar vicin il-massimu tkun l-aktar wahda idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-7 ta' Ottubru 2009 b'mod partikolari l-Artikoli 325(1)(a),261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280 u 281(a), 49, 50 u 289. 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Justin Polidano hati tal-

akkuzi mmarkati bhala 1, 2 u 4 migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. Stante li jirrizulta li s-sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2007 diga’ giet reza operattiva kif diga’ inghad aktar ‘il fuq il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza mmarkata bhala 5 migjuba fil-konfronti tal-imputat Jusitn Polidano.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-7 ta’ Ottubru 2009 u senjatament l-Artikoli 261(b),(c),(e),(f), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(b), 325(1)(a), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Jonathan Felice hati tal-akkuzi mmarkati bhala 1, 2 u 4 u tikkundannah tlett(3) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Jonathan Felice mhux hati tal-akkuza mmarkata bhala 3 u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza,

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputati Jonathan Felice u Justin Polidano sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba jhallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed tas-somma ta’ sitt mija u tliet ewro u tlett ewro centezmi (€603.03) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------